

5) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda; meta, fl-assenza ta' deċiżjoni dwar ilment min-naħa tal-korp regolatorju, rimbors ta' tariffi antiki illegali abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ċivili jkun eskuż fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, CTL Logistics (⁹), jeżisti xorta waħda rimedju kontra tariffi antiki taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE?

(⁹) ĠU 2012, L 343, p. 32, rettifikasi fil-ĠU 2015, L 67, p. 32 u fil-ĠU 2015, L 196, p. 67.

(⁹) C-489/15, EU:C:2017:834.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fil-5 ta' Settembru 2022 – QM vs Kiwi Tours GmbH

(Kawża C-584/22)

(2022/C 441/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: QM

Konvenut: Kiwi Tours GmbH

Domandi preliminari

L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (¹)

- għandu jiġi interpretat fis-sens li huma biss iċ-ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji li digħi seħħew fil-mument tal-kanċellazzjoni li huma deċiżivi sabiex jiġi evalwat jekk il-kanċellazzjoni kinitx iġġustifikata,
- jew għandu jiġi interpretat fis-sens li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll iċ-ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji li effettivav iseħħu wara l-kanċellazzjoni, iż-żda qabel il-bidu previst tal-vjaġġ?

(¹) ĠU 2015, L 326, p. 1.

Appell ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2022 minn Carles Puigdemont i Casamajó u Antoni Comín i Oliveres mis-sentenza mogħti ja mill-Qorti Ġeneral (Is-Sitt Awla Estiżza) fis-6 ta' Luju 2022 fil-Kawża T-388/19, Puigdemont i Casamajó u Comín i Oliveres vs Il-Parlament

(Kawża C-600/22 P)

(2022/C 441/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Carles Puigdemont i Casamajó u Antoni Comín i Oliveres (rappreżentanti: P. Bekaert, S. Bekaert, advocaten, u G. Boye, abogado)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew, Ir-Renju ta' Spanja